# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-329/21**

**DIGI Communications NV**
**vs**
**Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Hivatala**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' April 2023**

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Telekomunikazzjonijiet – Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/21/KE (Direttiva 'Qafas') – Artikolu 4(1) – Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' 'Awtorizzazzjoni') – Artikolu 7 – Għoti tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi – Proċedura ta' rkant – Kumpannija holding mhux irreġistrata bħala fornitriċi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Istat Membru kkonċernat – Esklużjoni mill-proċedura tal-għoti – Dritt għal azzjoni legali kontra d-deċiżjoni"

1. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Settur tat-telekomunikazzjonijiet – Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Awtorizzazzjoni – Direttiva 2002/20 – Proċedura biex jiġi limitat in-numru ta' drittijiet tal-użu li għandhom jingħataw għall-frekwenzi tar-radju – Deċiżjoni tal-għoti fi tmiem din il-proċedura – Għan – Promozzjoni u żvilupp ta' kompetizzjoni effettiva u mhux distorta – Osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità – Stadju tal-proċedura li jinvolvi eżami tal-konformità tal-applikazzjonijiet eventwali mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt – Ammissibbiltà – Kundizzjoni*
   *(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/20, Artikolu 7)*

   (ara l-punti 25 sa 32 u d-dispożittiv 1)

2. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Settur tat-telekomunikazzjonijiet – Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Qafas regolamentari – Direttiva 2002/21 – Dritt għal azzjoni legali – Proċedura ta' rkant imwettqa minn awtorità regolatorja nazzjonali li wasslet għal deċiżjoni tal-għoti – Ftuħ ta' dritt għal azzjoni legali favur impriża li tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Kunċett – Impriża li pparteċipat f'din il-proċedura bħala kandidata – Impriża li ma tipprovdix hija stess dawn is-servizzi fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat minn din il-proċedura – Impriża li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni tal-imsemmija awtorità li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-kandidatura tagħha minħabba li hija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa – Deċiżjoni li saret definittiva wara deċiżjoni ġudizzjarja li tiċħad rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni – Inklużjoni*
   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/21, Artikolu 4(1))*

(ara l-punti 46 sa 61, u d-dispożittiv 2)

**Sunt**

Fit-18 ta' Lulju 2019, in-Nemzeti Média- és Hírközlési Hatóság Hivatala (l-Awtorità Nazzjonali tal-Komunikazzjonijiet u tal-Media, l-Ungerija, iktar 'il quddiem in-"NMHH") nediet proċedura ta' rkant bl-għan li tagħti drittijiet tal-użu tal-frekwenzi insostenn tal-installazzjoni tan-network 5 G u servizzi addizzjonali ta' komunikazzjoni mingħajr fili u ta' veloċità kbira. Il-modalitajiet ġew iddettaljati f'fajl ta' konsultazzjoni ppubblikat fl-istess jum.

DIGI Communications, kumpannija rreġistrata fil-Pajjiżi l-Baxxi u mhux irreġistrata fl-Ungerija bħala fornitriċi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, applikat sabiex tipparteċipa f'din il-proċedura ta' rkant. In-NMHH qieset li din il-kandidatura kienet nieqsa minn validità formali peress li, skont din l-awtorità, DIGI Communications kienet eżerċitat, b'mod abbużiv, id-dritt tagħha li tipparteċipa f'din il-proċedura u kienet ħatja ta' aġir intiż biex tiġi evitata l-proċedura billi pprovat tqarraq bl-imsemmija awtorità. Fil-fatt, skont in-NMHH, din il-kumpannija kienet applikat minflok is-sussidjarja Ungeriża tagħha, kumpannija rreġistrata fl-Ungerija u li tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi hemmhekk. Applikazzjoni eventwali ta' din is-sussidjarja ġiet eskluża mill-proċedura ta' rkant fuq il-bażi ta' kap ta' esklużjoni previst fil-fajl ta' konsultazzjoni.

In-NMHH kompliet il-proċedura ta' rkant wara d-deċiżjoni tagħha li teskludi lil DIGI Communications. Hija kkontestat quddiem il-qorti din id-deċiżjoni ta' esklużjoni. Ir-rikors tagħha ġie miċħud fl-ewwel istanza u, fit-tieni istanza, mill-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija). Sadanittant, in-NMHH adottat deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' rkant kontenzjuża, li permezz tagħha hija tat id-drittijiet tal-użu ta' frekwenzi li huma s-suġġett ta' din il-proċedura lil tliet fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi preżenti fis-suq Ungeriż.

Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Fgvárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, DIGI Communications talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti kontenzjuża, billi bbażat il-*locus standi* tagħha fuq il-kwalità tagħha ta' "impriża affettwata" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva "Qafas"[1].

Il-qorti tar-rinviju ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata għal dan il-kunċett, billi kkonstatat l-assenza ta' definizzjoni fid-Direttiva Qafas u invokat, b'mod partikolari, is-sentenzi Tele2 Telecommunication[2] u T-Mobile Austria[3]. Hija rreferiet, b'mod iktar speċifiku, għat-tliet kundizzjonijiet eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn iż-żewġ sentenzi, sabiex tistabbilixxi li impriża hija affettwata, fis-sens tad-Direttiva "Qafas". Skont din il-qorti, dawn il-kundizzjonijiet jikkonsistu fl-istabbiliment, l-ewwel, li l-impriża inkwistjoni tipprovdi networks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u tikkostitwixxi kompetitur tad-destinarju jew destinatarji tad-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali kkonċernata (iktar 'il quddiem l-"ARN"), it-tieni, li din id-deċiżjoni tittieħed fil-kuntest ta' proċedura intiża sabiex tissalvagwardja l-kompetizzjoni u, it-tielet, li l-imsemmija deċiżjoni jista' jkollha effett fuq il-pożizzjoni ta' din l-impriża fis-suq.

1 Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Qafas) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8) (iktar 'il-quddiem id-"Direttiva 'Qafas'").

2 Sentenza tal-21 ta' Frar 2008, Tele2 Telecommunication (C-426/05, EU:C:2008:103).

3 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2015, T-Mobile Austria (C-282/13, EU:C:2015:24).

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'mod partikolari l-portata tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas, fir-rigward tal-possibbiltà, għal impriża, li ma tkunx hija stess fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fis-suq ikkonċernat, iżda li diġà pparteċipat, bil-kandidatura tagħha, għal proċedura ta' rkant bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, li tippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' ARN li tirrifjuta li tagħlaq din il-proċedura, meta l-imsemmija impriża tkun diġà ġiet eskluża mill-proċedura fi stadju preċedenti u meta din l-esklużjoni tkun diġà ġiet ikkonfermata minn deċiżjoni ġudizzjarja li saret definittiva.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni dwar jekk, fis-sens tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni"[4], proċedura ta' selezzjoni għall-finijiet tal-għoti ta' drittijiet tal-użu ta' frekwenzi u d-deċiżjoni tal-għoti li għaliha twassal din il-proċedura huma intiżi li jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, li mill-qafas regolamentari applikabbli f'dan il-każ[5], jirriżulta li proċedura bħall-proċedura ta' rkant kontenzjuża u, konsegwentement, id-deċiżjoni tal-għoti li twassal għaliha din il-proċedura huma intiżi sabiex jippromwovu u jiżviluppaw kompetizzjoni effettiva u mhux distorta, fl-osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, min-naħa l-oħra, li l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk dan l-għan huwiex ikkontestat mill-fatt li, permezz ta' deċiżjoni distinta, l-ARN ikkonċernata rrifjutat li tirreġistra l-kandidatura tal-impriża li, minħabba f'hekk, ma għadhiex destinatarja tad-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' rkant inkwistjoni. Fir-rigward tal-proċeduri tal-għoti tal-frekwenzi tar-radju, il-qafas regolamentari applikabbli f'dan il-każ jippermetti, bħala prinċipju, li jiġi limitat, minħabba disponibbiltà limitata tagħhom u sabiex tiġi żgurata ġestjoni effikaċi, in-numru ta' drittijiet tal-użu tal-frekwenzi tar-radju li għandhom jingħataw. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tan-natura u tal-modalitajiet tal-proċeduri tal-għoti ta' frekwenzi li huma jorganizzaw, l-Istati Membri jibbenefikaw minn marġni ta' diskrezzjoni u xejn ma jippermetti li jitqies, bħala prinċipju, li tali proċedura ma tistax tinkludi stadju ta' eżami tal-konformità tal-eventwali applikazzjonijiet għall-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt iddefiniti mill-ARN li jimplika, jekk ikun il-każ, l-esklużjoni minn din il-proċedura ta' wħud mill-entitajiet kandidati, bil-kundizzjoni li l-imsemmija proċedura, meħuda fl-intier tagħha, tista' titqies li hija konformi mar-rekwiżiti u mal-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni"[6].

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva "Qafas". F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi emanazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva[7].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li la d-Direttiva Qafas u lanqas id-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni" ma jinkludu definizzjoni tal-kunċett ta' "fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi". Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-portata ta' dan il-kunċett, billi rreferiet għall-kuntest normattiv stabbilit mid-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni", kif

[4] Fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 2009/140 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva ta' 'Awtorizzazzjoni'").

[5] Artikolu 7(1)(a) u (3) tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni", kif ukoll l-Artikolu 8 tad-Direttiva "Qafas".

[6] B'mod iktar speċifiku, permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni".

[7] Kif iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

ukoll għall-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-dispożizzjonijiet rilevanti kollha[8]. Minn dan jirriżulta li, fi Stat Membru bħall-Ungerija, li jimponi fuq l-impriżi kkonċernati l-preżentazzjoni ta' notifika, fis-sens tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni"[9], dawn l-impriżi għandhom jippreżentaw tali notifika biss qabel ma jibdew il-provvista effettiva ta' networks jew ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li impriża li għandha l-intenzjoni tibda tali attività tista' tipparteċipa fi proċedura bħall-proċedura ta' rkant kontenzjuża qabel ma tippreżenta tali notifika quddiem l-ARN ikkonċernata.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi rrikonoxxuta lilha l-kwalità ta' impriża li "[t]ipprovd[i] n-networks u/jew s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika", fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas, impriża ma għandhiex neċessarjament tkun ippreżentat, quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, notifika formali, fil-każijiet fejn tali notifika tkun meħtieġa mid-dritt ta' dan l-Istat Membru skont id-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni"[10], u lanqas, b'mod iktar ġenerali, tkun diġà preżenti fis-suq ta' dan l-Istat Membru, sakemm din l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet oġġettivi li għalihom hija suġġetta, fl-imsemmi Stat Membru, l-awtorizzazzjoni ġenerali msemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Għalhekk titqies li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq impriża li, filwaqt li għadha ma ġietx integrata fis-suq, ipparteċipat, bil-kandidatura tagħha, għal proċedura bħalma hija l-proċedura ta' rkant kontenzjuża, bil-kundizzjoni li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet oġġettivi, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk hija għandhiex sussidjarja li hija preżenti fis-suq.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1) tad-"Direttiva Qafas", li jipprovdi li impriża għandha tkun "affettwat[a]" mid-deċiżjoni meħuda minn ARN li hija għandha l-intenzjoni li tikkontesta, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta jekk id-drittijiet tal-impriża inkwistjoni jkunu potenzjalment affettwati mid-deċiżjoni tal-ARN ikkonċernata minħabba, minn naħa, il-kontenut tagħha u, min-naħa l -oħra,l-attività eżerċitata jew prevista minn din l-impriża. Għaldaqstant, impriża li pparteċipat, bil-kandidatura tagħha għal proċedura bħalma hija l-proċedura ta' rkant kontenzjuża hija "affettwata" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fis-sentenza T-Mobile Austria, minn deċiżjoni meħuda mill-ARN fi tmiem din il-proċedura, sa fejn din id-deċiżjoni għandha, minħabba l-kontenut tagħha, effett fuq l-attività prevista minn din l-impriża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, f'dan ir-rigward, li, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas, li huwa differenti minn dak ta' rikors ippreżentat skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/665[11], minn impriża sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-għoti li ttemm il-proċedura ta' rkant li fiha pparteċipat din l-impriża, bil-kandidatura tagħha, iżda li tkun ġiet eskluża permezz ta' deċiżjoni preċedenti, li saret definittiva, l-interess ġuridiku ta' din l-impriża jista' jinsilet, b'mod partikolari, mill-fatt li din tal-aħħar tista' eventwalment tipparteċipa għal proċedura ta' rkant ġdida relatata mal-għoti tal-istess drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u, jekk ikun il-każ, tingħata tali drittijiet, fil-każ li, wara l-annullament tal-imsemmija deċiżjoni, l-awtorità kontraenti tiddeċiedi li tniedi tali proċedura.

8 Artikolu 3(2) u Artikolu 6(1) tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni".

9 Fis-sens tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni".

10 Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni".

11 Direttiva 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44).

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret madankollu l-importanza li għandu l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Għaldaqstant, fil-każ fejn impriża li ġiet eskluża minn proċedura ta' rkant bħall-proċedura ta' rkant kontenzjuża, permezz ta' deċiżjoni tal-ARN li saret definittiva wara deċiżjoni ġudizzjarja, tippreżenta rikors, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas, sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-għoti li ttemm din il-proċedura, dan ir-rikors ma għandux jippreġudika l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' din id-deċiżjoni ġudizzjarja.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-awtorità ta' *res judicata* hija marbuta mal-punti ta' fatt u ta' liġi li ġew effettivament jew neċessarjament deċiżi permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* f'dan il-każ tiddependi, bħala prinċipju, fuq il-portata tar-rikors ippreżentat minn DIGI Communications sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-għoti kontenzjuża u, għalhekk, fuq l-eventwali sovrappożizzjoni bejn din il-portata u dik tad-deċiżjoni ġudizzjarja li permezz tagħha r-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni ta' esklużjoni mill-proċedura ta' rkant kontenzjuża ġie definittivament miċħud.